# IL-PRESEPJU TA’ TFULITU

Giovann u Nazju kienu zewg student fl-istess klassi , izda kienu jghixu f'rahal differenti. Kienu tassew hbieb u shabhom kienu jirreferu ghalihom bhala " il-hobza u s-sikkina."

Jum wiehed fil-bidu ta' Dicembru kellhom joqghodu gewwa fil-hin tar-rikreazzjoni ghax barra kienet niezla xita qliel. Minn wara l-hgiega tal-klassi, iz-zewgt ihibieb kienu qed iharsu fil-boghod kull wiehed mitluf fi hsibijietu. Pero' ma damux wisq hekk ghax sajjetta faqqet fil-qrib u hasdithom. Gabru hsibiethom mill-gdid u Giovann qal li habibu Nazju: " X'riha tfuh ghandu l- hobz tieghek il- lum, Naz." Dak il-hin Nazju kien qed jiftah il- pakkett tal- hobz li kienet tatu ommu.

Minnu hareg ftira Maltija imhawra biz- zejt kif kienet taf taghmel Marija, omm Nazju. Kienet imhawra bil-bigilla, tonn taz-zejt, zebbug, hass, dik il-basla imqatta irqieqa, fazola u dak kollu li kien jaghmilha ftira Maltija biz-zejt. " Hu nofsha Giovann," qallu Nazju.

"Ma tarax u inti tibqa nieqes. Wara kollox ommi ghamlitli x'niekol ukoll."

"Ara Giovann. La r-riha qed taqsamlek daqshekk qalbek, hu nofsha u inti tini nofs tieghek. Tajjeb hekk", qallu Nazju.

"Mhux idea hazina, " wiegbu Giovann li ghoddha kienet waqghetlu zaqqu ghal dik in-nofs ftira maltija biz-zejt.



U waqt li dak l-ikel nizillu ghasel, Giovann staqsieh jekk kienx diga rama l-presepju.

"Jiena ghadni le Giovann," wiegbu Nazju ghaliex qed nistenna jasal nhar is-Sibt. Jonqosni xi haga zghira tad-dawl u narmah dak in-nhar."

"Jiena tieghi lest," qallu Giovann. " Ma tantx ghandi x'narma, Kif taf inti tieghi kull ma hu ftit kartapesta forma ta' ghar, mzejjen bil-gulbiena, biex jingabar ftit. Inti jaqaw ghamilt xi wiehed gdid?"

"Iva," wiegbu Nazju. " Fis-sajf is-superjur kien jigborna u jghallimna kif ghandna naghmlu presepju bil- jablo. Bin-naqra, in-naqra bdejtu f'Settembru u rnexxieli nibni wiehed imdaqqas li armajt fil-kamra tas-sodda tieghi. Missieri gheni naghmillu d-dawl u issa ghoddu kwazi lest. Kif ghedtlek nhar is-Sibt ikun lest armat bil-pasturi kollha u jixghel. Nghidlek tigi tarah, jekk jghogbok."

"Daz zgur li nigi," hatfu fil-kelma Giovann, "u ghallimni naghmel wiehed bhalu"

Hekk kif bdiet in-novena tal-Milied Giovann kien jinsab jammira l-presepju ta' Nazju. "Dan zgur isbah minn dak li ghandi jien, bil-wisq isbah. Kollox ghandek spjegat, id-djar, it-toroq li jiehdu lejn l-ghar, u dik il-mithna hemm fuq..." ikkumplimentah Giovann filwaqt li xengel tnejn rasu ghal istaghgib tieghu ghal-opra ta' habibu Nazju. "Ara weghedtni li ser tghallimni naghmel wiehed bhal tieghek. Meta jasal is-sajf ejja ghandi d-dar u t-tnejn flimkien nahdmu presepju."

Nazju qallu: " Ara naghmlu hekk. Ejja ghandi ghax ghandna l-garaxx u t-tnejn flimkien nahdmuh hemm."

U hekk sar. Fis-sajf kull gimgha kienu jiltaqghu fil-garaxx ta' Nazju u jahdmu bicca bicca l-presepju. Giovann kien ihalli x-xoghol jinxef biex il-gimgha ta' wara jiehdu d-dar. Meta gabar il-bicciet kollha Nazju u Giovann ghaqqduh f'haga wahda. Meta wasal l-Avvent Giovann armah u kien jiftahar bih ma' shabu tar-rahal u jdahhalhom jarawh. Meta jghaddi l-Milied Giovann kien jerfghu bil-ghaqal biex jibqaghlu shih ghas-sena ta' wara.

Flimkien marru l-Universita' u kull wiehed ghazel triqtu ghall-futur. Nazju ghazel li jidhol patri frangiskan, Giovann lahaq tabib. Wara li ghaddew xi tlett snin, l-Ordni talbitu li jmur jaqdi d-dmirijiet pastorali gewwa l-missjoni taghhom fil-Kenja. Giovann izzewweg izda wara xi ghaxar snin martu mietet waqt li kienet f'gita barra minn Malta. Dam hafna ma gie f'tieghu. Fl-ahhar kiteb lil habibu Patri Nazju u wrieh ix-xewqa li jitla' il-Kenja jghin lil batut. Ghal Patri Nazju kien qisu rebah somma flus kbira. Tabib fil-missjoni kien mitqlu deheb. Permezz ta' l-Ordni Patri Nazju, irrangalu biex jitla' il-Kenja u

joqghod fl-istess dar parrokjali tieghu.

Fil-jum tal-wasla tieghu, Patri Nazju mar ghalih fl-ajruport biex iwasslu fil-missjoni frangiskana. "Nazju bil-mod dik il-kaxxa ghax ghandi hwejjeg prezzjuzi hafna'" avzah Giovann minghajr ma qallu x'kien fiha dik il-kaxxa. Patri Nazju haseb li fiha kellu l-istrumenti u medicini li kien ser juza biex ifejjaq il-povri morda.

Waslu d-dar u Giovann ha hsieb hu jerfa' dik il-kaxxa u b'tant ghozza qieghda fuq il-mejda. Patri Nazju ordni xi zaghzagh tal-missjoni biex idahhlu gewwa l-bagalji tat-tabib.

Imqanqal bil-kurzita' Patri Nazju staqsieh: " Ara Giovann, ghandi kurzita' kbira biex tghidli x'fiha dik il- kaxxa. Qisha ruhek, kemm qed tibza' ghaliha."

"Sewwa ghidt Nazju, nibza' ghaliha daqs ruhi." U filwaqt li b'attenzjoni beda' jholl l-ispag bil-mod il- mod u jqatta l-karti bin-naqra n-naqra, donnu kif haseb Patri Nazju, " li ma jmurx ikisser xi strument tal-medicina", Giovann kixef presepju. Kien il-presepju li t-tnejn flimkien kienu ghamlu fil-garaxx ta' Nazju meta kienu ghadhom tfal.